**Press Release**

**Seminar dwar Programmi ta' Fondi tal-UE relatati mal-użu tal-enerġija**

17.03.09

F'seminar dwar il-Programmi ta' Fondi tal-Unjoni Ewropeja relatati mal-użu effiċjenti tal-enerġija, li jistgħu jibbenefikaw minnhom il-Kunsilli Lokali, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Chris Said tkellem dwar l-importanza li l-Kunsilli Lokali jilħqu l-miri ta' lokalitajiet sostenibbli fl-applikazzjonijiet li jissottometu permezz ta' programmi tal-Unjoni Ewropea ibbażati fuq il-prinċipji ta' sostenibilita'. Is-seminar huwa relevanti għax qed jindirizza tema relatata ma' dan il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli.

"Huwa minnu li l-Ewropa qed tiffaċja sfidi relatati mat-tibdil fil-Klima u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Madankollu ma jeżistux sfidi biss imma rridu nitkellmu wkoll u nenfasizzaw l-opportunitajiet li jeżistu biex nadattaw għal tibdil fil-klima. Investiment fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-infrastruttura jgħinu biex jindirizzaw l-isfidi ambjentali. Miżuri u azzjonijiet ta' prevenzjoni ppjanati tajjeb huma ta' piż finanzjarju inqas u jirrendu iktar mill-prezz li jkollna nħallsu jekk ma nieħdux azzjoni issa", sostna Chris Said.

Din li hija s-Sena Ewropea għall-Kreattivita u l-Innovazzjoni qed iġġiegħlna nenfasizzaw l-importanza ta' soluzzjonijiet innovattivi f'diversi oqsma bħall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali. Is-Segretarju Parlamentari saħaq li Kunsilli Lokali għandhom jużaw din is-Sena biex jagħrfu x'iridu jġibu għall-aħjar fil-lokalitajiet tagħhom u x'soluzzjonijiet jistgħu ifasslu biex naslu għal kommunitajiet sostenibbli . Il-Programm *Intelligent Energy Europe* joffri l-possibilita li ntejbu l-kwalita' tal-ħajja fil-lokalitajiet tagħna, u fil-konservazzjoni u l-użu effiċċjenti tal-enerġija.

Chris Said għamel referenza għall-Patt tas-Sindki, fejn il-firmatarji qed jimpenjaw ruħhoM sabiex jimxU lil hinn mill-objettivi stipulati mill-Unjoni Ewropea għall-2020 – jiġifieri li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 b'iktar minn 20%, u dan qed jagħmluh permezz ta' implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli għal dawk l-oqsma relevanti.

F'dan is-seminar għas-Segretarji Ezekuttivi ingħatat ukoll informazzjoni dwar il-Fond ta' Kofinanzjament għall-proġetti ko-finazjati mill-UE. Permezz ta' dan il-Fond, il-Kunsilli Lokali ser ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jaċċessaw u jipparteċipaw fi proġetti Ewropej. Il-Gvern qed jalloka €303,000 bħala għajnuna lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lit-68 Kunsill Lokali sabiex iħallsu l-parti tagħhom tal-kofinazjament għall-proġetti taħt programmi tal-UE.

Chris Said faħħar ix-xoghol siewi li qed jagħmel il-MEUSAC. Il-*Funding Unit* tal-MEUSAC qed tipprovdi informazjoni u għajnuna teknika b'xejn biex il-Kunsilli Lokali jisfruttaw aktar u b'mod aħjar l-opportunitajiet ta' fondi taħt il-programmi tal-Unjoni Ewropea.